# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Numru Erbgħin (40) – Laqgħa b'urġenza

**27 ta' Ottubru 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' b'mod virtwali fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI:**

Anthony Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

40.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Anthony Attard li ma setax jattendi għal-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet personali.

40.1.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

**40.2 It-tiżjin ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u Pjazza l-Vitorja għall-festi tal-Milied 2021**

40.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li huwa sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex il-Kunsill ikun jista' japprova formalment il-kwotazzjoni għax-xogħol ta' tiżjin ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u Pjazza l-Vitorja għall-festi tal-Milied.

40.2.2 Is-Sindku innota li daħlet kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur Richard Cauchi li tammonta għas-somma ta' € 5,500 VAT inkluża. Il-Kunsill aċċetta unanimament din il-kwotazzjoni.

40.2.3 Il-Viċi Sindku Aaron Agius propona li għandna ninkarigaw lill-kuntrattur Joseph Cauchi sabiex iżejjen il-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru b'festuni tad-dawl għall-festi tal-Milied. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbuh stima biex tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

40.2.4 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.45pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Dr. Christian Zammit** | **Ivan Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |